IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Ċeremonja ta’ impenn solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Stqarrija għall-Istampa Nru 174/26

Il-Lussemburgu, 26 ta’ Novembru 2026

Impenn solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea meħud mill-Kap il-ġdid tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u minn sitt Prosekuturi Ewropej

Permezz ta’ deċiżjoni tal-25 ta’ Marzu 2026, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ħatru lil Andrés Ritter (il-Ġermanja) bħala l-Kap il-ġdid tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għal mandat ta’ seba’ snin li ma jistax jiġġedded, b’effett mill-1 ta’ Novembru 2026. Huwa jieħu post Laura Codruţa Kövesi, li kienet l-ewwel Kap tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u li kienet ħadet il-ġurament solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta’ Settembru 2020 waqt udjenza solenni organizzata fl-okkażjoni tat-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew [1].

Permezz ta’ deċiżjonijiet tal-11 ta’ Frar u tad-29 ta’ Ġunju 2026, il-Kunsill ħatar lil Jennifer Vanderputten (il-Belġju), lil Pavel Zeman (ir-Repubblika Ċeka), lil Philippe Jaeglé (Franza) u lil Omar Caruana (Malta) bħala Prosekuturi Ewropej fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għal mandat ta’ sitt snin li ma jistax jiġġedded, b’effett mid-29 ta’ Lulju 2026.

Permezz ta’ deċiżjoni tat-28 ta’ Settembru 2026, il-Kunsill ħatar lil Tanja Frank Eler (is-Slovenja) u lil Christopher Wenzl (il-Ġermanja) bħala Prosekuturi Ewropej fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għal mandat ta’ sitt snin li ma jistax jiġġedded, b’effett, rispettivament, mis-7 ta’ Ottubru u mill-1 ta’ Novembru 2026.

Illum fil-11:00, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żammet ċeremonja ta’ impenn solenni li matulha l-Kap il-ġdid tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u s-sitt Prosekuturi Ewropej ġodda ħadu l-impenn li jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b’indipendenza sħiħa fl-interess tal-Unjoni Ewropea fl-intier tagħha, li la jitolbu u lanqas jaċċettaw istruzzjonijiet minn xi persuna jew entità esterna għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u li josservaw l-obbligu ta’ kunfidenzjalità fir-rigward ta’ kull informazzjoni fil-pussess tal-uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Koen Lenaerts, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u Andrés Ritter għamlu diskorsi f’din l-okkażjoni.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-media, li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

Immaġni tal-udjenza solenni huma disponibbli fuq “Curia Web TV”.

Ibqgħu konnessi!

[1] Ara l-Istqarrija għall-Istampa Nru 118/20.